MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 537/2012

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tB-attur li gie konfermat bil-gurament tieghu,ipprezentat fit-12 ta’ Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremetta u tBab is-segwenti:-

“Illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Jannar 2002 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg;

Illi l-partijiet damu biss ftit gimghat jghixu flimkien u ilhom separati de facto ghB aktar minn erba' (4) snin;

Illi frott ta' dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;

Illi r-rikorrent jiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-dritt ta' manteniment reciproku u ghBhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghB rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twB mifrudin, illum ghandhom hajja totBment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn / familji godda;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghBl-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tB-Kodici Civili, Kap. 16 tB-Ligijiet ta' MBta;

GhBdaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hBl taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tB-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghB daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tB-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.”.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat illi fil-5 ta’ Marzu 2013 il-konvenuta ipprezentat nota guramentata li permezz taghha, filwaqt li tat ruhha b’notifikata bl-atti iddikjarat illi m’ghandhiex oggezzjoni ghB dikjarazzjoni ta’ hBl taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet u iddikjarat li taqbel ma’ dak kollu dikjarat fir-rikors fuq imsemmi.

Rat illi l-kawza thBliet ghBlum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legBi tB-Kapitolu 16 tB-Ligijiet ta’ MBta applikabbli ghB kaz in dizamina huma s-segwenti:-

**Artikolu 66A (1)**

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħBl taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza*

**Artikolu 66B**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'tBba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għB perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għB, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data ta-sseparazzjoni legBi; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għB rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

**Artikolu 66D**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' tBba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-tBba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-tBba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-tBba.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attur jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Jannar 2002 u minn dan iz-zwieg ma' kellhomx tfB.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghB aktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghB rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment anke ghBiex kull wiehed u wahda minnhom ifformat rabtiet ma' persuni u familji godda;

**Decide**.

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tB-Kapitolu 16 tB-Ligijiet ta' MBta ghBl-ksib tad-divorzju;

GhB dawn il-motivi, tilqa' t-tBbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tB-Artikolu 66A tB-Kapitolu 16 tB-Ligijiet ta' MBta, tordna lir-Registratur tB-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tB-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------